MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Numru. 172/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**
**SPETTUR KEVIN FARRUGIA**
**KONTRA**

**ANTIONE CACHIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Antione Cachia ta' 26 sena, bin Joseph u Mary nee' Grima, mwieled Pieta' nhar l- 24 ta' Settembru 1983, residenti no. 5, Springvale, Triq l- Ilgiem, Naxxar u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 505583(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

1) Talli nhar l- 24 ta’ Frar 2010 ghall- habta ta’ xi 8.00hrs gewwa dawn il- Gzejjer, bil- hsieb li jaghmel delitt wera dan il- hsieb b’ atti esterni u ta il- bidu ghall-esekuzzjoni ta’ delitt u cioe’ attentat ta’ offiza ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ Garcy Mercieca Warden 552, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta’ tieghu u dan bi ksur tal-Artikolu 41 (1) (a), 214 u 216 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

2) U aktar talli attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’ hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l- persuna ta’ Gary Mercieca Warden 552 persuna inkarigat skond il- Ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li kien qed jagixxi ghall- esekuzzjoni tal- Ligi jew ta’ ordni moghtija skond il- Ligi minn Awtorita’ kompetenti, u dan bi ksur tal- Artikolu 96 (a) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

3) U aktar talli fl- istess jum, data, lok u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il- persuna ta’ Gary Mercieca Warden 552 persuna nkarigata skond il- Ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li ghamel dan is- servizz jew bil- hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l- Ligi fl- esekuzzjoni ta’ dak is-servizz bi ksur tal- Artikolu 95 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

4) U aktar talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara ohra jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ fuq il-mutur b’ numru tar- registrazzjoni JET 625 ghad- dannu tal- istess sidien liema hsara hija ta’ iktar minn €116.47 izda inqas minn €1164.69 u dan bi ksur tal- Artikolu 325 (b) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

5) U aktar talli fl- istess dati, hin, lok u cirkostanzi, f' dawn il- Gzejjer saq vettura b' numru tar- registrazzjoni HAT 605 b' manjiera perikoluza u traskurata u dan bi ksur tal- Artikolu 15 (1) (a) (2), 18 (2) tal- Kapitolu 65 tal- Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant il- Qorti hija mitluba li f' kaz ta' htija tissospendi lil Antione Cachia milli jzomm kwalunkwe xorta ta' licenzja tas- sewqan;

6) U aktar talli fl- istess jum, data, lok u cirkostanzi bil- hsieb li jtellef jew inaqqas il- gieh ta' Gary Mercieca Warden 552 weggghu bi klim b' gesti jew b' mod iehor u dan bi ksur tal- Artikolu 252 (1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

7) U aktar talli fl- istess jum, data, lok u cirkostanzi hebb ghal Gary Mercieca Warden 552 sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur tal- Artikolu 339 (d) u (e) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

8) U aktar talli fl- istess jum, data, lok u cirkostanzi fil- pubbliku qal kliem indecenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f' dagha fil- pubbliku u dan bi ksur tal- Artikoli 338 (bb) u 342 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

9) U aktar talli fl- istess jum, data, lok u cirkostanzi imbotta lil imsemmi Gary Mercieca Warden 552 sabiex iweggghu jew jinsulentah u dan bi ksur tal- Artikolu 339 (1) (1) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

10) U aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala ufficjal pubbliku ikkommetta reat li hu bhala ufficjal pubbliku kellu fid- dmir jissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l- kariga tieghu hu kellu d- dmir li jimpedixxi milli jsehh u dan bi ksur tal- Artikolu 141 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi fis-seduta stess kien hemm rikonciljazzjoni bejn l-imputat u l-parti l-ohra fil-kawza, u li skuza ruhu ghall-incident in kwistjoni;

**Ikkunsidrat:**

Illi in vista tal-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti qeghda ssib htija fih ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Dan kien incident mhux tas-soltu. Nhar l-24 ta' Frar, 2010, fil-ghodu, l-imputat kien sejjer ghax-xoghol fl-iskola Maria Regina, fi Fleur-de-Lys, B'Kara, fejn hu jahdem bhala "facilitator". Meta gie biex jidhol bil-vettura tieghu fl-iskola sab it-triq tal-iskola maghluqa ghat-traffiku, bhal ma jigri meta jkun hemm it-tfal tal-iskola dehlin. Din kienet inghalqet mill-Gwardjan Lokali Gary Mercieca, li kien qed jaghmel id-dover tieghu bhala gwardjan. L-imputat gie mwaqqaf minn Mercieca, u meta l-imputat baqa' jinsisti biex ighaddi xorta, Mercieca  harrku ghal kontravenzjoni tat-traffiku, u qam argument bejniethom u gew fl-idejn. L-imputat ma waqafx hawn; hareg mill-iskola, rega' saq il-vettura tieghu 'l barra, u rega' dahal kontra s-sinjal tat-traffiku ghal go l-iskola. Hu u diehel saq ghal fuq Mercieca, habit fil-mutur misjuq mill-gwardjan u ghamillu l-hsara, u mbaghad habit fil-hajt tal-istess skola. Kemm l-imputat kif ukoll il-Gwardjan gew arrestati u nterrogati mill-Pulizija, u nzammew lejl arrestati.

Ghalkemm l-imputat Cachia sofra xi griehi hfief, kien hu li beda l-incident bl-imgieba aggressiva tieghu. L-imputat, bhala ufficjal pubbliku, ghamel hazin li baqa' jinsisti li jidhol l-iskola bil-vettura tieghu fil-hin li t-triq tkun maghluqa ghat-traffiku. Ghamel hazin ukoll li qal kliem mhux xieraq, u li aggredixxa ufficjal pubbliku iehor. Izda

ghamel hazin hafna li, wara l-ewwel part ital-incident, ma kienx kuntent u hareg bil-vettura tieghu u rega' dahal kontra r-regolamenti tat-traffiku u kwazi laqat lil Mercieca, bil-konsegwenza li ghamel hsara fil-mutur tal-Gwardjan u mbaghad habit fil-hajt. Din l-imgieba minn persuna li tghallem fi skola m'hijiex accettabbli, kienu x'kienu c-cirkostanzi tal-kaz. Ghalhekk, in vista li l-imputat irregistra ammissjoni, il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm piena adegwata u kalibrata fil-konfront tieghu, in vista tac-cirkostanzi partikolari ghall-ahhar f' dan il-kaz.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 41 (1) (a), 214, 216, 96 (a), 95, 325 (b), 252 (1), 339 (d) (e), 338 (bb), 342, 339 (1) (1) u 141 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkudnannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 28 A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta. Tordna hlas ta' elf u disgha u hamsin ewro (€1, 059) lil 'The Guard and Warden Services House Ltd.' Fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 28 H tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------